MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2008

Numru 428/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**versus**

**Glenn Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Glenn Busuttil ta’ 30 sena iben Spiridione u Maria Dolores nee’ Goodlip mwieled Msida fit-12 ta’ Jannar 1977 u residenti fil-preżent ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta’ Kordin u f’indirizz ieħor mogħti seduta stante 33 Flat 4 Old Hospital Street Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 139877 (M).

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Ottubru 2007 u fil-jiem ta' qabel

(a) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tieghu;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu;

(c) Talli mingħajr l-awtorita' leġittima daħħal jew pprova idaħħal f'xi parti tal-konfini tal-ħabs jew ta' post ta' detenzjoni mediċini (eroina u kokajina) li huma mediċini

perikoluzi skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta bi ksur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 260 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) F'każ ta' ħtija, il-Qorti kienet mitluba titratta ma Glenn Busuttil talli rrenda ruħu riċediv b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti intalbet illi f'kaz ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordini ta' l-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Novembru 2007; l-istqarrija magħmula mill-imputat fit-12 ta' Novembru 2007 fis-1.00pm (fol 5); l-istqarrija magħmula fil-31 ta' Ottubru 2007 fil-5.00pm a fol 6; iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 9398 tas-sena 1977 (fol 7); il-fedina penali tiegħu a fol 8 sa 12; ir-risposta tiegħu li mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu; il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Antonio Mizzi intitolat 'Pussess ta' sustanza allegatament droga fuq il-persuna ta' Glenn Busuttil fit-30 ta' Ottubru 2007'; il-konferma ta' l-espert maħtur mill-Maġistrat Dr Antonio Mizzi matul din l-inkjesta imsemmija, liema konferma saret minn din il-Qorti kif preseduta; ir-relazzjoni imħejjija mill-Ispiżjar Mario Mifsud; ir-relazzjoni imħejjija minn PS 239 Joseph Caruana li kien nominat bħala scene of the crime officer u ħa r-ritratti necessarji ta' l-oġġetti li kienu fdati lilu mill-pulizija.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Illi skond l-Ispettur Dennis Theuma fit-30 ta' Ottubru 2007 għall-ħabta tal-5.00pm kienu għamlu tfittxija fir-residenza ta' 33 Flat 4 Old Hospital Street Valletta. Minn hemm ġew elevati Lm1646 fi flus kontanti karti u LM644 flus fidda ta' diversi denominazzjonijiet li t-total kien Lm2279 (fol 21). Kienu elevati wkoll Lm233 u 7 Dollari pero dawn kienu

jappartjenu lil ċertu Edwina Zammit ħabiba ta’ l-imputat u dawn il-flus kienu ritornati lill-istess Zammit.

Kienu elevati wkoll pipa tal-metall bi tracci ta’ ħruq fuqha kif ukoll numru ta’ mobile phones u laptop tal-marka Kaiser.

L-imputat ttieħed fil-lock up tas-CID biex jgħin fl-investigazzjonijiet fejn saret tfittxija dettaljata fuq il-persuna tiegħu.  Fil-fatt PS 579 A Micallef bl-assistenza ta’ PS 457 għamlu tfittxija fuq l-imputat.  Ġo borza tal-plastic li f’dak il-ħin kienet fil-ġakketta li kien liebes l-istess imputat fiċ-ċella tiegħu instab qartas zghir b’xi trab kannella ġo fih allegatament eroina u borża ikbar bl-istess sustanza f’ammont ta’ madwar 3 grammi.  Flimkien ma din il-borza instabet borza oħra li kien fiha madwar 7 grammi trab abjad allegatament kokaina flimkien ma xi biċċa tal-foil ukoll bi traċċi ta’ ħruq fuqha.  Dawn elevawhom PS 579 assisit minn PC 457 u kienu misjuba fiċ-ċella fil-lock up fejn kien qed jinżamm Glenn Busuttil.  Il-Maġistrat ta’ l-għassa kien mgħarraf b’din is-sejba u ħatar inkjesta separata.  Huwa ħatar lis-Sur Godwin Sammut bħala espert għas-sustanza misjuba u lil PS 239 J Caruana bħala scene of the crime officer.

Fiż-żewġ stqarrijiet li għamel lill-pulizija, l-imputat għazel li ma jweġibx.

Fil-kontro eżami l-avukat ta’ l-imputat staqsa lill-ispettur jekk kinitx instabet id-droga fid-dar fejn kien qiegħed joqgħod l-imputat u r-risposta kienet fin-negattiv.  Lanqas ma kien instab xi miżien.  Kien kkonfermat ukoll li d-droga li nstabet għand l-imputat kienet fil-ġakketta tiegħu meta kien arrestat fil-lock up.

Xehed PS 1086 Johann Micallef li kkonferma li mill-appartament ta’ fejn kien joqgħod l-imputat instabu xi muniti u flus Maltin karti.  Instabet biċċa foil bit-tarf maħruq kif wkoll xi laptop u numru ta’ mobiles.

Xehed l-espert imqabbad matul l-inkjesta Godwin Sammut. Dan qal li t-total tad-droga li nstab kien ta’ 8.77:

2.12 kienu eroina u 6.65 kienu kokaina. Il-grammi imsemmija f'dak li huwa purita' ta' eroina kienet 28% waqt li l-kokaina kienet 35%.

Ikkonferma r-ritratti meħuda PS 239 Joseph Caruana.

Xehed PS 1174 Adrian Sciberras li ħa sehem fit-tfittxija li saret fi Triq l-Isptar il-Qadim Valletta u qalu li huma kienu sabu laptop computer li kien fil-kamra tas-sodda u sabu ammonti ta' flus imqassmin għalihom minn diversi kxaxen fil-komodina, fil-gradenza, fil-kxaxen tal-gwardarobba, liema kienu qegħdin go bottijiet u laned separati. Droga per se ma sabux u lanqas ma sabu xi miżien.

Xehed Ps 579 Antoine Micallef li qal li saret tfittxija fiċ-ċella li kien fiha Glenn Busuttil, ċella numru 106 fil-lock up tas-CID. Malli dahlu fuqu qalilhom li ma kienx jiflaħ. Huma għollew il-gakketta u fiha kien hemm biċċa foil maħruqa u meta fittxew fil-but ta' din il-ġakketta kien hemm borża żgħira bi trab kannella u borża oħra li kien fiha ċertu boroż ġo fiha li kien fihom trab kannella u trab abjad. Huwa kkonferma l-affarijiet li nstabu fiċ-ċella meta ra r-ritratti li kienu diga esebiti. Huwa qal li l-affarijiet li jidhru f''Dok 07 CHD 01 huma l-affarijiet kollha li kien hemm fiċ-ċella. Dak li qed jidher 07 CHD 02 il-foil mahruq u t-tubu, 07 CHD 03 borza żgħira u borza kbira, 07 CHD 04 l-affarijiet li kien hemm fil-borża l-kbira. Huma sabu l-affarijiet ġol-ġakketta barra l-foil.

PC 457 Jean Pierre Mifsud kkonferma li saret it-tfittxija fuq l-imputat ġewwa iċ-ċella. Taħt il-ġakketta kienu sabu biċċa foil maħruqa flimkien ma tubu magħmul minn pakkett tal-polo u minn ġakketta PS 579 eleva borża bi trab kannella żgħira li kellhom suspett li kienet eroina flimkien ma borża oħra b'forma ta' ballun li kien fiha trab abjad u kannella suspettat li kien kokaina u eroina.

PC 599 Clive Mangion xehed dwar ir-ricevuti tal-flus li kienu inġabru.

Semghet lill-Probation Office bil-ġurament jgħid kif sab lill-imputat. Huwa ddeskrivieh bħala bniedem bi problema serja ta' drug addiction.

Wara dan semgħet lill-imputat bil-ġurament. Huwa qal li kellu drug addiction iżda kien hemm problema biex jgħid eżatt kemm kien jikkonsma kuljum, almenu dak li huwa average. Il-prosekuzzjoni għafset fuq il-kwistjoni tal-flus li nstabu minn fejn ġew. Spjegat li parti minnhom kienu diġa ngħataw lura lil sidhom li kienet ħabiba ta' l-imputat pero xorta kien fadal salt flus illi wieħed ried jispjega minn fejn ġew. L-imputat qal li fil-fatt it-tfajla kellha iktar fluq u qal li kienet ser tagħmel xi operazzjoni. Hawn il-Qorti staqsiet kif tfajla li ser tagħmel operazzjoni tafda l-flus ma' l-imputat u hu wieġeb illi kienet tafdah.

Fit-trattazzjoni il-prosekuzzjoni insistiet illi hemm biżżejjed biex wieħed isib illi l-imputat kellu pussess aggravat kemm tad-droga eroina kif wkoll tad-droga kokaina. Il-prosekuzzjoni insistiet b'mod partikolari fuq l-ammont misjub u t-tieni wkoll kif kien imqassam skond ir-relazzjoni magħmula mill-Analista Godwin Sammut, b'mod partikolari it-tqassim ta' ħamsa mis-sachets illi kellhom il-kokaina illi kienu prattikament indaqs fil-piż u imbgħad kien hemm piż ta' 5.29 grammi għalih ta' kokaina u żewġ pakketti ta' eroina.

Id-difiża ssottomettiet li mhux biżżejjed li wieħed iħares lejn il-piż biex wieħed jiddetermina li l-imputat huwa ħati ta' pussess aggravat. Irreferiet għal deċiżjonijiet bħal 'Pulizija vs Carmel Spiteri' fejn kien stabbilit li minkejja l-ammont kien konsiderevoli, kien xorta waħda fil-parametri tal-pussess minħabba li l-imputat kien jiddependi fuq id-droga. Barra minn hekk dwar il-flus hi qalet illi l-imputat kien spjega il-provenjenza tal-flus u illi jkun hemm ħafna flus mhix biżżejjed indikazzjoni li l-imputat ġabhom mill-bejgħ tad-droga.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti tapprezza l-argumenti tad-difiża u tirreferi għall-każistika illi d-difiża semmiet dwar meta instabu pussessi

konsiderevoli ta' ammonti ta' droga u xorta l-imputati ma nstabux ħatjin. Dan seħħ kemm fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri kif wkoll minn din il-Qorti kif preseduta. Il-Qorti dejjem qieset dawn il-każi bħala każi li jriedu jittieħdu wieħed wieħed u kull darba jrid ikun hemm analiżi taċ-cirkostanzi sabiex il-Qorti tkun tista' tikkonkludi jekk kienx hemm pussess aggravat jew le.

F'dan il-każ ukoll il-Qorti ssib li l-ammont huwa diġa konsiderevoli. Hawn hekk hawn 2.11g ta' eroina u 6.65g ta' kokaina. Dawn ma humiex piżijiet ħfief. Minn din is-sustanza, kemm eroina kif wkoll il-kokaina, jistgħu jinħarġu ħafna sachets. Id-difiża ssottomettiet illi l-imputat huwa a drug addict u għal hekk dawn kienu għalih. Bir-rispett kollu, l-imputat ftit rnexxielu jikkonvinċi lill-Qorti dwar kif kien il-habit tiegħu u din il-mistoqsija saret diversi drabi lilu u lanqas ikkonvinċieha kif ġew il-flus. Iżda fuq kollox il-Qorti għandha quddiemha it-tqassim ta' ċertu boroż li huwa piż prattikament eżatt, ukoll jekk maħdum fuq l-għajn u mhux fuq il-miżien u kif diġa qalet, l-ammont. Ma hemmx bżonn ammonti kbar sabiex wieħed jinstab ħati ta' pussess aggravat. U hawn il-Qorti tirreferi għal meta instab inqas minn gramma ta' eroina u xorta il-Qorti Inferjuri kienet konvinta li dan l-ammont kien għat-tqassim u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri kkonfermat id-deċiżjoni.

Fil-fehma tal-Qorti, dato b'mod speċjali l-ammonti li nstabu u kif instabu, il-Qorti hija moralment konvinta li l-intenzjoni ta' l-imputat kienet biex jispaċċja kemm l-eroina kif wkoll il-kokaina. Għal hekk isegwi illi l-pulizija rnexxielha tipprova kemm l-ewwel imputazzjoni kif wkoll it-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, ma nġabet ebda prova illi l-imputat qabel ħareġ u mid-dar ttieħed id-depot libes xi ġakketta apposta. Jiġifieri jista' jkun li l-imputat mar bl-istess ġakketta li kien liebes fir-residenza tiegħu meta l-pulizija ħaduh id-depot. Għal daqstant il-Qorti jibqgħalha dubju jekk kienx hemm l-intenzjoni ta' l-imputat li jdaħħal id-droga f'post ta' detenzjoni. Għaldaqstant il-Qorti qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.

Il-Qorti lanqas hi sodisfatta b'xi prova tar-riċediva. Infatti ma tressqet ebda prova u l-fedina penali ta' l-imputat waħedha mhix prova tar-riċediva. Għal daqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat ukoll mir-raba' imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, l-Artikoli 7 tal-Kap 260, it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 ssib lill-imputat ħati ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrieh u qed tilliberah mit-tielet u r-raba' imputazzjoni.

Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal tliet snin priġunerija li minnhom għandhom għandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat kien taħt arrest preventiv dwar dan il-każ kif ukoll biex iħallas multa ta' 1600 Euro, liema multa tista' titħallas b'rati ta' 50 Euro fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat millum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Euro li ma jitħallsux.

Il-Qorti qed tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta' l-esprt li jammontaw għal 287.24 Euro u 20.96 Euro (total ta' 307.20 Euro) fi żmien xahar millum. Jekk ma jitħallsux, dawn jinbidlu f'jum priġunerija bir-rata ta' 11.65 Euro.

Tordna l-konfiska tal-flus ippreżentati mill-pulizija favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**MAĠISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------